MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2009

Numru 410/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**vs**
**Carlo Mallia**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 912550(M).

Akkuzat talli fit-13 ta’ Marzu 2009 u fis-sitt gimghat ta’ qabel b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta’ flus minn gewwa l-fond Limestone Heritage, Triq Mons Mikiel Azzopardi, Siggiewi ghad-detriment ta’ Manwel Baldacchino, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni huwa baqa' jinsisti anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Dak li ghamel l-imputat huwa spjegat fl-istqarrija li hu rrilaxxja u li qeghdha esebita in atti.

Fuq l-iskorta ta' din l-istqarrija u l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu tal-lum, issibu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu. Rat l-Artikolu 261(d), l-uniku aggravju citat fil-komparixxi, 268(a), 281(a) tal-Kap 9. Tiddeciedi wara li kkonsidrat l-fedina penali netta tieghu, li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien sena mill-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti fehmet lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------